**Toqgħodx il-kamra**

La toqgħodx fil-kamra
Hemm poplu jistennik,
Oħroġ minn qoxortok
Imbagħad qalbek thennik.

Meta jgħaddu tant snin
Tiftakar li kont hemm,
Li f'ħajjet persuna
Għall-ġid tagħha tajt sehem.

Ħa jgergru, ħa jgħiru
Basta li dmirek qdejt,
U jaf swietlek saħħtek
Imma lilha ħabbejt.

Imbagħad fi xjuħitek
Tħares lura b'kuraġġ,
Għaliex għall-persuna
Kont tal-imħabba r-raġġ.

Mela fittex l-għaqal
U ħinek la taħlihx,
B'hekk tfaħħar lil Alla
lix-xitan ma tpaxxihx.

Oħroġ minn ġol-kamra
Tħallat ma' dawn ħutek,
L'hemm ġewwa u'l barra
Ħa jsalvawlek ruħek.

Aqdi, aqdi dejjem,
Żomm ħajja l-ġamra,
Ingħata kemm tiflaħ
Toqgħodx le fil-kamra.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 t'Ottubru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.